**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Carmela Cini**

Illum 24 ta' April 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Carmela Cini**, detentrici ta' karta tal-identita' bin-numru 139071(M) akkuzata talli:

Nhar it-28 ta' Jannar, 2016 ghall-habta tas-7.30p.m, fil-fond Qawra Point, Flat 12, Ras il-Qawra, San Pawl il-Bahar, flimkien ma' persuna ohra:

1. Ikkommettiet serq ta' flus, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Yohanes Mulat Demsie, u/jew ta' xi persuna/i/ w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Aktar, talli nhar it-28 ta' Jannar, 2016, ghall-habta tas-7.30pm, u/jew matul ix-xhur ta' qabel, fil-Qawra fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar,

2. fi triq jew f'post pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra mmorali;

3. Akkuzata wkoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, kkommettiet reat/I li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuqha b'sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Carol Peralta LL.D) nhar it-2 ta' Mejju, 2013, fejn kienet giet ikkundannata sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin;

4. Akkuzata wkoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kkommettiet reat/i li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ohra li kienet giet imposta fuqha b'sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D) nhar it-8 ta' April, 2014, fejn kienet giet ikkundannata xahar (1) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin;

5. Finalment akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recediva ai termini tal-artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D) nhar il-15 ta' Gunju, 2011.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu l-kaz intbaghat biex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputata tinsab akkuzata li fit-28 ta' Jannar 2016 (i) ghall-habta tas-7.30p.m., fil-fond imsemmi, flimkien ma' persuna ohra kkommettiet serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-persuna u bil-hin ghad-dannu ta' Yohanes Mulat Demsie; (ii) li fl-istess data tlajjat jew ghamlet biex

thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni; kif ukoll (iii) li kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' prigunerija li gew sospizi; u (iv) li hija recediva.

Mill-atti jirrizulta li fit-8 ta' Frar 2016 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, Yohanes Mulat Demsie mar jirrapporta l-Ghassa tal-Qawra li fit-28 ta' Jannar, 2016 ghall-habta tas-7.30 pm kien hemm mara li dak iz-zmien ma kienx jaf min kienet li haditu gewwa appartament u malli kien qieghed hemm ragel ta' karnagjon skura, li lanqas ma kien jafu, qallu biex itih il-flus li kellu fuqu jew jarrestah. Dan il-persuna ma hallihx jitlaq qabel tah it-€300 li kellu fil-kartiera. Kif tah il-flus hallih jitlaq. Demsie ddikjara li ma kienx jaf fejn kienu joqoghdu dawn iz-zewg persuni[1].

Yohanes Mulat Demsie xehed[2] li huwa ilu Malta sa mis-sena 2012 u li huwa jahdem ukoll. Huwa qal li gurnata f'Jannar 2016 l-imputata, li kienet habiba tieghu u li gieli cemplitlu biex imur s'ghandha biex biex jiehdu kafe', ftiehem maghha li kien se jmur ghandha. Hekk kif wasal ghandha u pogga fuq is-sufan, l-imputata marret fil-kamra tas-sodda, tfiet id-dawl u hareg ragel (li ma jafx minn fejn hareg) li messu u qallu biex joqghod bilqeghda u talbu l-kartiera u anki l-gizirana li kellu ma' ghonqu. Kif tah li ried hallih jitlaq. Ix-xhud qal li huwa mar dritt l-Ghassa izda ragel (li ma kienx l-istess ragel li talbu l-flus) beda jimxi warajh. Ghalhekk spicca m'ghamilx ir-rapport u mar id-dar tieghu. Imbaghad wara ftit granet, madwar hmistax-il gurnata, meta kien ra lill-imputata u lir-ragel li serqu, mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Min-naha l-ohra Ps 180 Fabian Aquilina[3] xehed li meta kellem lil Yohanes Mulat Demsie, in segwitu ghar-rapport, kien qallu li nsterqulu €300 mill-kartiera tieghu waqt li kien qieghed gewwa appartament il-Qawra. Huwa qallu li kien iltaqa' mal-mara ta' spiss fit-toroq tal-Qawra u kienet dejjem tghidlu biex imur il-flat maghha izda huwa qatt ma kien mar qabel il-gurnata tal-allegat serqa. Huwa qallu li kellu n-numru tal-mowbajl tal-mara izda ma kienx jaf x'jisimha. Hadu fuq il-post u indikalu l-blokka izda ma kienx jaf liema appartament billi kien hemm diversi sulari. Wara l-investigazzjonijiet u raw li n-numru tal-mowbajl kien tal-imputata. Il-blokka tal-appartamenti li wrieh hija fejn toqghod l-imputata. Mistqosi in kontro-ezami jekk Demsie kienx qallu ghalfejn kien mar l-appartament inkwistjoni s-Surgent irrisponda li kien tah x'jifhem li ghal prostituzzjoni izda imbaghad qallu biex imur jixrob maghha.

Xehed ukoll Destiny Ogbiede[4] li qal li l-imputata kienet it-tfajla tieghu. Filwaqt li kkonferma li kien hemm kaz fil-konfront tieghu huwa ma kien jaf xejn dwar il-kaz.

Illi l-imputata fl-istqarrija[5] rilaxxjata minnha kienet tenniet li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-kaz.

---

[1] Xhieda ta' Wpc Abigail Farrugia fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016 u kif ukoll Dok AB a fol 20 tal-process

[2] Seduta tas-26 ta' Settembru 2016

[3] Seduta tas-26 ta' Settembru 2016

[4] Seduta tal-21 ta' Novembru 2016

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel zewgt imputazzjonijiet kontra l-imputata sal-grad rikjest mil-ligi. Yohanes Mulat Demsie xehed b'tali mod li ma kienx wisq kredibbli. Inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni, fl-ewwel lok meta mar jirrapporta qal li lil din il-mara li qaltlu biex imur fl-appartament maghha ma kienx jafha, mentri sussegwentement lill-pulizija qalilhom li ghalkemm ma kienx jaf x'jisimha gieli kienet cemplitlu u qaltlu biex imur ghandha. Anki fix-xhieda tieghu qal li kien jafha. Fit-tieni lok huwa halla diversi granet qabel ma mar jaghmel ir-rapport. Anki kieku kellu jitwemmen li meta mar l-ewwel darba kien hemm ragel jigri warajh, aktar kien impellenti li almenu jew icempel lill-pulizija ghall-ghajnuna jew almenu l-ghada jmur jirrapporta dwar dak li kien gralu. Interessanti wkoll li meta fit-8 ta' Frar 2016 mar jirrapporta l-allegat kaz lanqas ma semma li kien se jirrapporta qabel izda kien hemm ragel li kif hareg mill-appartament beda jsegwih. Fit-tielet lok, l-ewwel qal li ma kienx jaf il-post imbaghad sahansitra ha lill-pulizija fuq il-post. Fir-raba' lok l-allegat komplici jew awtur tad-delitt li kien allegatament mal-imputata lanqas ma tefa' dawl ghal dak li seta' gara.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni, ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti li l-imputata tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Illi t-tlett imputazzjonijiet l-ohra huma konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet/imputazzjoni precedenti u billi mhux qeghda tinstab htija ghal xi wahda mill-imputazzjonijiet ghandu jwassal ghal liberatorja anki ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u kwindi tilliberaha minnhom.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[5] A fol 7 tal-process